MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 833/2009

IL-PULIZIJA
SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT
VS
OMISSIS IMPUTAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis imputat iben omissis, imwieled omissis nhar omissis, residenti residenza omissis, u detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru omissis.

Akkuzat talli f'rahal omissis u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2009 u fix-xhur ta' qabel:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil bintu addottiva, minuri ta' hames snin Omissis minuri, persuna ta' taht l-

eta` ta’ omissis sena, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;

2. eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ persuna ta’ taht l-eta` tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe` tal-istess bintu addottiva minuri Omissis minuri, persuna ta’ taht l-eta` ta’ tnax-il sena, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;
3. ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna ta’ taht l-eta` ta’ tnax-il sena u cioe` ma bintu addottiva Omissis minuri, li lilu giet fdata sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jindukraha jew izommha;

4. offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku.

5. irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

6. ikkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghata mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi minn issa tapplika l-provediment tal-Ligi ai terminu tal-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminninali u tohrog ordni ta’ protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta’ membru domestiku.

F’kaz ta’htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna involuta, l-familja taghha kif ukoll dawk il-persuni li lilhom giet fdata l-istess minuri ai termini ta’l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli tal- Avukat Generali (a fol 198), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tat-13 t'Ottubru 2010 fejn l-imputat ma sabx oggezjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti (a fol 222);

Rat id-decizjoni ta'din il-Qorti tal-21 ta'Marzu 2011;

Rat id-decizjoni ta'din il-Qorti tal-31 ta'Mejju 2011;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe mix-xhieda tal-Ispettur Graziella Muscat (a fol 14 et. seq), jirrizulta illi in segwitu ta' rapport mis-*Social Workers* Rodianne Borg u Stephania Sacco (adetti mal-agenzija Appogg), datat 7 ta'Lulju 2009, l-Ufficjal Prosekutur bdiet tinvestiga kaz ta' allegat swat fuq tifla ta' omissis snin, certu omissis minuri, bint naturali ta' Omissis omm u bint adottiva tal-istess imputat.

Spettur Muscat xhedet li waqt *home visit* fis-7 ta'Lulju 2009, mis-*Social Workers* imsemmija, Omissis omm infurmathom li omissis minuri qaltilha li l-imputat kien resqilha il-qalziet ta' taht taghha, bisilha l-parti genitali taghha, dahhal subghajh fil-parti genitali taghha, u qalilha biex ma tghid xejn lill ommha.

Fis-17 ta'Lulju 2009, gew infurmati b'dan il-Pulizija u harget *Interim Care Order* fuq din it-tifla. Spettur Muscat ikkonfermat li fl-10 t'Awwissu 2009, hija kellmet lit-tifla omissis minuri l-Appogg fil-prezenza ta' WPS 246 Diane Cassar u *Social Worker* Rodianne Borg. Spettur Muscat xhedet li omissis minuri qaltilha li l-imputat gieli taha daqqa go wiccha meta tkun imqarba, "li faqghet bieb tal-hgieg ghaliex huwa (imputat) kien sakkarha go xi kamra"(a fol 15) u li l-imputat kien idejjaqha, jiffittaha u jitrekken maghhha. It-tifla **infurmat lil Pulizija li meta kienet tinhasel kienet tibza' li xi hadd ha jidhol fuqha.** It-tifla omissis minuri infurmat lil Pulizija dwar il-kliem

oxxen (certament mhux xieraq ghall eta tat-tifla), indirizzati lejha mill-omm, kif ukoll mill- missier adottiv kif jidher a fol 16.

Spettur Muscat xhedet illi Omissis minurikienet tifla *hyper active* u li kien difficli hafna biex tikkonduci dan l-iterrogatorju fuq din it-tifla, izda wara certu hin Omissis minuriqaltilha illi kienet ser tghidilha xi haga **"pastaza"** u **"pastaza hafna".** Spettur Muscat xhedet illi t-tifla Omissis minuri indikat il-parti genitali taghha bil-kelma "zizzu" u indikat is-sebgha tan-nofs bhala is-sebgha illi gie intromess fil-parti genitali taghha mill-missier adottiv. In segwitu ta' dan u wara l-hrug ta' mandat t'arrest mahrug mill-Magistrat Demicoli, l-imputat gie arrestat, moghti it-twissija. Gie elevat il-*computer* tal-imputat flimkien ma xi *cds*, dawn kollha gew ezaminati mill-membri tas-*Cyber Crime Unit*.

Spettur Muscat xhedet illi hija kienet tkellmet ma Omissis omm, omm minuri omissis, fil-prezenza ta' WPS 246 fil-11 t'Awwissu 2009. omissis omm tkellmet dwar il-problemi taghha u ir-raguni il-ghaliex halliet it-tifla f'Istitut, u kienet riluttanti li titkellem fuq l-abbuz sesswali fuq omissis minuri, il-ghaliex:

**"kienet qed tibza' minnu, fis-sens li l-imputat jaghmillha xi hsara jew li jibghat lil xi hadd jaghmillha il-hsara"**(vide a fol 19)

Omissis omm spjegat illi it-tifla taghha kienet tbaghati bl-ezcema u asthma u meta kienet tghix fl-istitut kien ikollha raxx fil-parti genitali taghha, izda kemm kienet ilha tghix maghha u mal-imputat, it-tifla ma kienitx baqghet tbati din il-kundizzjoni. Omissis omm ikkonfermat illi l-imputat gieli hasel lit-tifla wahdu pero bil-bieb miftuh, izda qatt ma delkilha *cream* fuq il-parti genitali taghha. Ma kienitx certa jekk kemm il-darba l-imputat amministralha xi suppozitorju. Omissis omm infurmat lill- Pulizija li hija kienet kellmet lill-imputat biex jghidilha kif qattgha il-hin ma bintha, waqt li hija kienet ma Omissis habiba u l-imputat qallilha li kienu qadghu jitfissdu u jiccajtaw bhas-soltu. Omissis omm infurmat lil Pulizija li bintha Omissis

minuriqaltilha li l-imputat kien qaghad "jaghmillha l-mesaggi, ghamillha subajgh hemm u urietha il-parti genitali taghha, li resaq lejn il-gallarija ha jara telqitx ommha, li ressaqilha il-*panty* u nizzillulha u li gharraxha darba biss u qalilha wkoll biex ma tghidx lill-ommha"(vide a fol 19 u 20) Spettur Graziella Muscat xhedet illi hija kienet kellmet ukoll lil *omissis soru* fil prezenza ta WPS 246 Diane Cassar. *Omissis soru* kienet qaltilha li din it-tifla kienet kelmitha waqt illi kienet qedgha tahsilha u nfurmatha li kien hargilha id-demm mill-parti taghha, u meta qalet lill ommha dwar dan, ommha qaltilha li seta' infaqalha xi musmar. Spettur Muscat xhedet illi hija regghet kellmet it-tifla ghat-tieni darba, li ikkonfermatilha il-verzjoni taghha.

Il-Qorti skartat dik il-parti tat-testimonjanza tal-Ispettur Muscat li tirreferi ghal dak illi afferma l-imputat fl-istqarrija tieghu.

Omissis minuri, Omissis omm ( a fol 35), tifla ta' omissis snin, infurmat lil Qorti illi hija kienet **"gzat"** lid-*daddy* taghha omissis, lill-ommha il-ghaliex **dan kien dahhal subghajh fic-ciccu u cioe: "fejn naghmel pipi,"** u indikat **il-parti genitali taghha**. Hija ikkonfermat li dan **gara darba wahda biss**, meta ommha kienet harget ma Omissis habiba. Omissis minuri xhedet illi hija kienet liebsa il-pygama dak il-hin u l-imputat kien messha minn taht il-*pygama* u cioe fuq il-laham. Il-minuri ikkonfermat illi meta gara dan hija wegghet u l-imputat ma regax. Omissis minurixhedet illi dan dam ghaddej xi tlett minuti izda il-Qorti ikkostatat li "tlett minuti" ghal Omissis minurikienu ifissru madwar tletin sekonda. Omissis minurixhedet illi waqt illi kienu qeghdin isehhu dawn it-tip t'attivitajiet l-imputat kien zaqqu barra pero kien liebes dublett. Illi wara kienu raqdu u sussegwentament kienu marru bil-karozza tal-imputat sabiex jigbru lill-ommha. It-tifla ikkonfermat diversi drabi ( vide fol 40), illi din l-attivita sehhet darba wahda biss mid-*daddy* li jismu omissis.

In kontro-ezami, mistoqsija jekk l-imputat mess lil Omissis minurighaliex kien qieghed jaghmillha ingwent mal-parti taghha, il-**minuri Omissis minuri nnegat dan b'mod**

**ripetut** (ara xhieda a fol 41). A fol 42 il-Qorti staqsiet lil minuri b'mod ripetut, jekk kemm –il darba dak li kienet qedgha tghid kienx il-Omissis omm, jew jekk kienitx mitluba tghid hekk minn xi persuna ohra, Omissis minuri, Omissis omm baqghet tishaq li dak li kienet qedgha tghid kien vOmissis omm.
Omissis minuri, Omissis omm identifikat lill-imputat prezenti fl-awla bhala *daddy* taghha omissis, li dwaru kienet qedgha tixhed.

Maggur Clint Zahra, (a fol 58) xhed illi huwa kien ghamel tfittxija ghar-*recordings* tat-telefonati li kienu saru mill-imputat fil-Facilita Korretiva ta'Kordin bejn is-17 ta'Settembru u s-16 ta' Novembru 2009. Dawn ir-*recordings* gew migbura f'*CD* immarkat bhala l-ezebit MX. Gie ezebit ukoll MX1, lista tat-telefonati, bid-data u l-hin u lista ta' *telephone numbers*.

Martin Bajada (a fol 60), gie konsenjat lilhu DOK MX u MX1 ghat-traskrizzjoni tieghu.

Rodianne Borg, *Social Worker* mall-Agenzija Appogg, wara li gie moghti lilha twissija, kkonfermat illi hija kienet involuta f'zewg rapporti li kienu maghmula lis-servizz tal-omissis, fuq din il-minuri Omissis minuri. L-ewwel rapport dahal fis-27 t'April 2009, u tieni rapport dahal fid-29 ta' Mejju 2009, **iz-zewg rapporti kienu jallegaw illi l-imputat omissis kien qieghed ikun fisikament aggressiv fil-konfront tal-minuri Omissis minuri.**

Rodianne Borg xhedet illi hija ppuvat tkellem lil minuri fl-iskola taghha fl-14 ta'Mejju 2009, izda kienet assenti mill-iskola. Kellmet ghaldaqstant lill-*Assistant Head Teacher* u lil *Facilitator* tat-tifla. Dawn infurmawha li kienu raw diversi marki fuq it-tifla inkluz punti fuq saqajha u infurmawha bl-allegazzjoni tat-tifla li l-imputat kien qieghed isakkar lit-tifla gol-kamra taghha, jghidilha biex toqghod fuq sieq wahda ghal kwarta u jigbdilha ilsienha l-barra ( vide a fol 64).

Fil-5 ta'Gunju 2009, Rodianne Borg iltaqghet ma Omissis omm l-Appogg u giet infurmatha bir-rapporti li kienu saru. **Omissis omm qaltilha li l-imputat ta' spiss kien**

**isawwat lil Omissis minuri bic-cintorin, tant li jhallilha tbengil fuq daharha, griehi fuq ghajnejha u fuq imnehirha.**

Rodianne Borg xhedet illi : ( a fol 64)

“**Hi (Omissis omm) qalet ukoll li madwar gimgha qabel , jigifieri meta konna ltaqjna, il-minuri kienet qed tirrakonta li darba minnhom meta kienet qed tghix fid-dar residenzjali, ghaliex hi fil-passat kien hemm darbtejn fejn kienet tghix f’dar residenzjali, kien hemm tifel kien inizzilha il-qalziet ta’ taht. Is-sinjura Omissis omm qalet li hekk kif is-sur imputat omissis kien sema ir-rakkont tat-tifla, qabad it-tifla dendilha rasha l-isfel, nizzlha mal-art, nezzalha il-qalziet ta taht u beda jaghtiha fuq il-parti privata taghha b’imgharfa filwaqt li jghidilha li dik il-parti m’ghandha thalli lil hadd immisilha” Hi qalet ukoll li dak inhar is-sinjur omissis imputat kien tefa’ lil minuri fuq is-sodda tela bilwieqfa fuq l-istonku taghha beda jaghtiha fuq wiccha sakemm hargilha id-demm minn halqha imbaghad qabad it-tifla minn ghonqa tant illi it-tifla ma setghetx tiehu aktar nifs. Dan qalitu kollhu is-sinjura Omissis omm.”**

Fl-10 ta’ Gunju 2009, wara hafna tentattivi, Rodianne Borg irnexxielha tkellem lil Omissis minuri l-iskola , fil-prezenza ta’ Haddiema Socjali. Rodianne xhedet illi il-minuri qaltilha illi missierha kien jaghtiha hafna ***punishments***, bhal daqqqiet ta’ponn fuq wiccha. Rodianne Borg xhedet illi il-minuri kellha ferita fuq saqajha u xi tbengil zghir. Rodianne Borg ikkonfermat is-swat mill-imputat fuq il-parti genitali tat-tifla u li hargilha id-demm minn halqa. **Omissis minuri qaltilha li la tikber tixtieq tkeccih mid-dar, tatih bil-karkura u sahhansitra twaddbu mit-tieqa ghall-isfel.** Fit-30 ta’Gunju 2009, Rodianne Borg baghtet ghall-omisis imputat , li cahad kull allegazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Fis-7 ta’Lulju 2009, Rodianne Borg ghamlet vizita id-dar ta’Omissis omm, u Omissis omm riedet tkellimha waheda. Hemmhekk Omissis omm qaltilha li hija halliet lil Omissis minuriwaheda mal-imputat ghaliex harget taghmel qadja, u meta rritornat, il-minuri

qaltilha illi l-imputat kien ressaq il-qalziet ta’ taht taghha fil-gemb, bisilha il-parti genitali taghha, u dahhal subghajh fil-parti privata taghha u qalilha biex ma tghid xejn lill-ommha.

Rodianne Borg ikkonfermat illi wara dan, hija kellmet lit-tifla Omissis minurili kkonfermat il-kontenut tar-rapport ta’ ommha Omissis omm. Waqt illi kienet qedgha titkellem fuq il-mod illi l-imputat kien dahhal subghajh fil-parti privata taghha , il-minuri bdiet taghmel movimenti aggressivi bil-*crayon* taghha fuq bicca karta. It-tifla kkonfermat li dan l-abbuz gara darba wahda biss.

Fis-17 ta’Lulju 2009, Rodianne Borg akkompanjat lil Omissis minurighand Dr. Axiak fic-*Child Guidance Unit*, insegwitu ta’ dan inhareg *Interim Care Order* u sussegwentament *Care Order*.

Fl-10 t’Awwisu 2009, Rodianne Borg akkompanjat lil minuri, li regghet kellmitha flimkien ma’ l-Ispettur Graziella Muscat.

Rodianne Borg ikkonfermat li kienet akkompanjat lil minuri fis-CDAU fl-24 t’Awwissu 2009, u fl-24 ta’Settembru akkompanjata sal-Qorti.

Wara l-hrug tal-*Interim Care Order* fuq Omissis minuri fit-22 ta’ Lulju 2009, Omissis minurippartecipat fi *supervised acccess visits* darba fil-gimgha ma’ ommha. **Fis-16 t’Ottubru 2009, l-imputat beda jcempel lis-Soru fl-Istitut fejn kienet allogjata din it-tifla , sabiex ikellem lit-tifla, izda is-Soru qatt ma halliethu ikellem lit-tifla.**

**Rodianne Borg xhedet li Omissis omm kienet dejjem tghidilha affarjiet fuq l-imputat izda tavzha biex ma tghid lil hadd, il-ghaliex bezghet li l-imputat “jaqtali rasi barra” (a fol 70)**

Rodianne Borg ipprovat tipprotegi lil Omissis omm kemm setghet izda meta bdew il-proceduri fil-Qorti kellha tizvela dak kollu li kienet taf. Rodianne Borg xhedet illi l-uniku differenza fir-rakkont tal-abbuz mill-omm u mill-minuri,

kien illi l-omm qalet illi bintha infurmatha li l-imputat kien bies il-parti genitali taghha. Rodianne Borg xhedet illi Omissis minuri qatt ma qaltilha li l-imputat ghamel hekk.

In kontro-ezami Rodianne Borg xhedet illi kienu baghtu ghaliha mil-Vice Squad u giet interrogata mill-Ispettur Calleja u l-Ispettur Muscat fil-prezenza tal-Maggur Josephine dwar l-allegazzjoni li kienet saret minn Dr Cherret ghan-nom ta'Omissis omm. Rodianne Borg xhedet li , meta hija xhedet illi hija kienet tipprepara il-minuri ghal-Qorti, hija riedet tfisser illi kienet tispjega il-post li fih kienet ser tinstema il-minuri, l-ambjent fejn kien ser isir l-interrogatorju u li il-minuri kienet ser tigi mitkellma mill-Magistrat.

Rodianne Borg xhedet illi mbaghad kienet titlob lil minuri sabiex tfakkarha ftit l-affarjiet li l-minuri kienet qalet fuq id-*daddy* taghha u thalli lilha tghid ir-rakkont minghajr ebda suggerimenti. Rodianne Borg ikkonfermat li Omissis omm kienet il-complainment fil-kaz in ezami ( ara xhieda a fol 75 u 76)

Stephania Sacco, *Service Area Leader* , *Child Protection Services*, ikkonfermat ir-rapporti li dahhlu fi hdan ic-*Child Protection Services* fuq il-minuri Omissis minuri mill-omm Omissis omm fejn gie allegat li l-imputat kien juza' korrezzjoni harxa :
**"Punishments horox, hi ddeskriviethom bhala punishments u fost dawn kien hemm li jsawwatha, jigbdilha xagharha, idawrilha idha u igieghlha toqghod fuq sieq wahda, thares lejn il-hajt ghal kwarta, jaqbdilha ilsienha u johrogulha barra u jaqbadha minn xagharha u jtellaghha mal-hajt u wkoll jghidilha li ha jaqtalha lsiena barra jekk hi ma tobdiex" (ara xhieda a fol 78 u 79)**

Gie rappurtat ukoll mill-omm li l-imputat kien sakkarha f'kamra mudlama u li din it-tifla ppruvat tohrog, faqghat il-bieb tal-hgieg u spiccat bil-punti f'saqajha. Stephania Sacco ikkonfermat il-*home visit* li kellhom fis-7 ta'Lulju 2009, fid-dar ta'Omissis omm, fejn l-istess Omissis omm

qaltilhom bl-abbuz sesswali li kienet infurmatha bih it-tifla Omissis minuriu ikkonfermat ix-xhieda ta'Rodianne Borg.

Sacco ikkonfermat li Omissis omm kienet qaltilha li kienet avzat lill- imputat li jekk terga taqbdu isawwat lil bintha kienet sejra titilqu.  Sacco ikkonfermat li fid-9 ta'Lulju 2009 akkompanjat lir-Omissis omm ghand Dr. Mariella Mangion u meta Omissis minuribdiet tirrakonta dwar l-abbuz, l-omm bdiet tikkwistinja mat-tifla dwar jekk kienitx qed tghid il-verita`.  Sacco ikkonfermat illi meta kienet kellmet lil omissis minuri, din it-tifla kienet irrabjata hafna ghall-imputat.

**Matul is-*supervised visit*, insegwitu tal-*Care Order* , Sacco kienet tircievi ir-rapporti mis-supervisors li kien qed isir hafna "tpespis" bejn l-omm u tifla, u li meta l-omm kienet tigi mwissija, kienet tirrabja hafna**.

Iz-zija materna Omissis zija ukoll kienet tkun prezenti.  A fol 84, Sacco ikkonfermat li l-omm kellha komunikazzjoni ma bintha omissis minuri, (waqt li din kienet fl-Istitut) fuq mezzi telefonici u dan twaqqqaf wara zmien konsiderevoli. Sacco ikkonfermat illi din it-tifla kienet rikoverata go Istitut meta kellha biss omissis zmien, il- ghaliex ommha kienet *homeless* u tat l'isfond ta' din it-tifla li kienet diehla u hierga mill-Istituti.

In kontro-ezami, Sacco regghet irrepetiet l-fatti li rrezultawlha dwar tal-abbuz u fejn kien sehh.  Jumejn wara illi Omissis omm ghamlet ir-rapport lis-*Social Workers* dwar l-abbuz sewwali fuq din it-tifla, Omissis omm biddlet fehmtha u **bdiet isostni li bintha, ta' omissis snin, kienet sesswalment prekoci u li kienet thajjar l-irgiel sesswalment**.  Sacco innegat illi din it-tifla kienet giet *primed* minn xi hadd. Sacco xhedet illi Omissis omm u l-imputat kienu mizzewgin omissis religjon.  A fol 91 gew indikati id-dati tas-*supervised visits* fejn rrizulta li Omissis omm kienet qedgha "tpespes"  f'widnejn omissis minuri.  In-notamenti gew ezebiti u dokumentati bhala DOK SS.

Permezz ta’nota, Omissis omm ezebit rapport li ghamlet lil Pulizija fis-17 ta’Novembru 2009, fejn allegat li bintha qaltilha li ma kienx veru dak li qalet dwar missierha u li kienet **“Rodianne Borg li qaltilha biex tghid hekk,”** u li ghalhekk hija, fil-viziti sussegwenti, kienet irrekordjat lil bintha.

A fol 113, Omissis omm xhedet illi kienet giet imxewxa kontra zewgha mis-Social Workers li riedu jindahhlulha fil-hajja taghha u “qabdu u haduli lil dik it-tifla.” Omissis omm ikkonfermat li kienet giet msejjha fl-ghassa tal- Pulizija. Hija xhedet li it-tifla taghha Omissis minurikienet qaltilha li l-imputat kien weggaha fil-parti privata taghha u hi ma riditx temminha ghaliex l-imputat kien jahsilha ta sikwit u johrogha mieghu. A fol 116, Omissis omm ikkonferma tli tifla ma kienitx giddieba izda gieli gidbed, **pero qatt fuq xi haga serja**. Omissis omm ikkonfermat li Omissis minurikienet qaltilha li waqt li kient il-H*ome* kien hemm tifel li dahal warajha fit-*toilet* u nizzilha il-qalziet. Ghalhekk Omissis omm kienet marret tkellem lis-*Sister* fuq dan kollu. A fol 117, fuq mistoqsija tal-Qorti, Omissis omm ikkonfermat li bintha qaltilha li kien “messilha hemmhekk.” Omissis omm xhedet illi *Social Workers* “kienu qabdu maghha” ghaliex qalu li qedgha ssawwat lil bintha, u kienu gew id-dar minhabba rapport fuq swat. Omissis omm xhedet illi meta huma kellmu lit-tifla, sar ir-rapport tal-abbuz sesswali; li is-*Social Workers* staqsewha jekk Omissis minuriqaltilhiex fuq l-abbuz sesswali, hi (Omissis omm) kkonfermat izda qaltilhom “jien m’emminthiex”. Omissis omm xhedet illi hija qatt ma rat xejn x’ticcensura fl-agir tal-imputat ghal dak li jikkoncerna bintha.

Omissis omm ikkonfermat li kienet giet kostretta thalli it-tifla f’Istitut ghal xi omissis zmien, ghaliex ma kellhiex saqaf fuq rasha u meta inghatat dar mill-*Housing* hija bdiet tmur ghal bintha fil-*Weekend.* It-tieni darba li kienet kostretta thalli tifla go Istitut , (fejn it-tifla damet ghal madwar omissis zmien), kien meta it-tifla kellha madwar omissis snin il-ghaliex it-tifla kienet *hyper active* u ma kienitx torqod bil-lejl . Omissis omm xhedet illi l-imputat ried jghinha fit-trobbija ta’ din it-tifla. Omissis omm

baqghet isostni illi meta it-tifla ghamlet l-allegazzjoni tal-abbuz sesswali da parti tal-imputat, hija m'emnitx lit-tifla .

Richard Scotto, *Principal Officer Marriage Registry*, ikkonferma iz-zwieg bejn omissis u omissis, u ezebixxa DOK RS certifikat ta' dan iz-zwieg.

Martin Bajada a fol 142, ikkonferma l-inkarigi tieghu.

*Omissis soru* a fol 147, ikonfermat illi Omissis minuri kienet qaltilha illi missierha kien "messha fil-panty taghha". Ikkonfermat illi fil-bidu tas-soggorn ta' din it-tifla fil-*Home*, Omissis omm kienet iccempel u tkellem lil Omissis minuriizda il-minuri kienet tidisturba ruhha hafna, u allura Omissis omm bdiet tkellem lil *Madre*. *Omissis soru* ikkonfermat li Omissis minurikienet qaltilha dan kollhu waqt li kienet qedgha tatiha banju.

Martin Bajada a fol 152, ikkonferma li l-*call profiles* tal-habs kienu ghadhom ma nghatawx lilu, u ezebixxa DOK MBT traskrizzjoni tal-*casette* u ikkonferma li l-*casette* kien awtentiku.

Martin Bajada riprodott a fol 167 ikonferma illi kien jehtieg aktar zmien sabiex jirrelata.

WPS 246 Diane Cassar, a fol 169 ikkonfermat li hija esegwit mandat t'arrest mahrug mill-Magistrat Audrey Demicoli ghall-arrest tal-imputat li gie interrogat mill-Ispettur Graziela Muscat.

WPS 246 Diane Cassar, ikkonfermat li kienet kellmet lit-tifla Omissis minurifil-prezenza tas-*Social Worker* Rodianne Borg, ikkonfermat li din it-tifla kienet hyper active. WPS Diane Cassar ikkonfermat li hija hadet notamenti tal-kliem precizi tat-tifla u ezebit dawn in-notamenti bhala DOK PSW.

PC341 George Dalli ikkonferma li ezegwixxa l-arrest tal-imputat u tfittxija fid-dar tieghu f'Santa Lucija.

PC1359 Reuben Zammit ikkonferma l-arrest tal-imputat flimkien ma Ufficjal tal-Pulizija fuq indikati. Ikkonferma li ftit wara l-imputat beda jhoss ugiegh f'sidru, ttiehed il-*polyclinic* fejn gie ezaminat u iccertifikat minn Tabib.

Omissis zija, a fol 181, ikkonfermat illi gieli kienet tmur tghin lil Omissis omm, xi darba f'gimgha jew fi hmistax. Ikkonfermat li Omissis minurikellha omissis zmien u kienet tifla mqarba u qatt ma qaltilha xejn dwar l-imputat. Ghaliha, ir-relazzjoni bejn l-imputat u tifla Omissis minurikienet wahda normali. Omissis zija xhedet li l-minuri setghat kellha raxx pero hija qatt m'ghamlitilha xi ingwent fuq il-parti genitali taghha. Omissis zija ikkonfermat li is-*Social Workers* kellmu lit-tifla wahedhom fil-kamra tas-sodda waqt li hi u Omissis omm kienu fil-kcina. Meta kellmu lil Omissis omm hija resqet. Omissis zija xhedet illi Omissis minurikien telalha raxx **f'saqajha**, **idejha** u **f'sidirha**.

Martin Bajada ezebixxa ir-relazzjoni tieghu DOK MMW.

Rodianne Borg, in kontro-ezami a fol 224 et seq. , ikkonferma tilli meta hija hadet ir-rakkont tat-tifla Omissis minurima staqsietha xejn b'mod dirett u halliet it-tifla tghidilha dak li gralha u li din saret fil-prezenza ta'Stephania Sacco. Rodianne Borg xhedet illi ma tiftakarx diskors fis-sens li Omissis minurima kienitx ser tghid lil ommha fuq dak li gara'.

Spettur Graziella Muscat in kontro-ezami ma setghetx tiftakar kemm –il darba Omissis omm kienitx qalet li l-imputat kien bies il-parti privata ta' Omissis minuriliz-zewg *Social Workers* jew lill-Social Worker wahda.

A fol 232 Spettur Graziella Muscat ikkonfermat l-kliem iebes li ma kien xejn *age appropriate* illi lissnet Omissis minuri fuq l-imputat. L-Ispettur Muscat ikkonfermat li mhuwiex prassi tal-Pulizija li jikkonfrontaw lil tifla ta' omissis snin fuq dettalji fl-isqarrija taghha.

Stephania Sacco in kontro-ezami, ikkonfermat illi fis-7 ta'Lulju 2009, Omissis omm kienet fi stat agitat u bdiet

tinsisti li tghidilhom “xi haga”, li ghalhekk hi akkompanjat lil Omissis minurisabiex Omissis omm tkellem lil Rodianne wahedha. A fol 237, ikkonfermat illi hija kellmet lit-tifla Omissis minuriflimkien ma Rodianne Borg u ikkonfermat l-entita tal-abbuz sesswali li qaltilha it-tifla. Ma setghetx tiftakar jekk il-bews tal-parti genitali tat-tifla intqalx mit-tifla jew mill-omm.Sacco xhedet illi Omissis omm kienet ghamlet diversi allegazzjonijiet dwar swat da part ital-imputat fuq il-persuna taghha izda dejjem kienet tispicca biex tghid li kienet ser taghtih cans iehor,( a fol 239) **Ikkonfermat illi kien hemm “element ta’ biza’ kbir” da parti ta’ Omissis omm mill-imputat.**

Omissis soru, a fol 242, ikkonfermat illi Omissis minurikienet qaltilha li missierha kien dahhal subghajh fil-parti privata taghha a fol 243.

A fol 244 ikkonfermat illi hija fehmet illi l-imputat kien messha b’idejh.

Omissis omm, in kontro-ezami a fol 245, innegat illi l-imputat qatt refa’ idejh fuqha. Innegat li Omissis minurikienet qaltilha li l-imputat kien biesilha l-parti taghha u dahhal subghajh fl-istess u li qaltilha biss li messha (a fol 246). Hija kkonfrontat lil bintha bil-fatt li kienet qedgha tigdeb u sussegwentament Omissis minuriqaltilha li Rodianne Borg qaltilha sabiex tghid hekk. Omissis omm baqghet tinnega illi Omissis minuriqaltilha fid-dettal fihiex kien jikkonsisti l-abbuz sesswali da parti tal-imputat (a fol 247)

Omissis zija, in kontro-ezami a fol. 288 ikkonfermat li kienet tghin lil-Omissis omm fil-facendi, nnegat illi hi u Omissis omm kienu ihallu lit-tifla waheda mal-imputat, pero ammettiet li l-imputat gieli hareg lit-tifla omissis minuri.

L-imputat Omissis imputat ikkonferma li hu kien adotta lit-tifla Omissis minuriu li kien qieghed irabbiha bhala tifla tieghu. Jinnega illi din it-tifla kienet tibza minnhu, izda jsostni li kellhom relazzjoni tajba, kienu jilghabu flimkien u kienet tifrah bih. Huwa stqarr illi din it-tifla kellha hafna

energija u kienet naqra mqarba u ghaldaqstant kien: “dejjem nohrogha barra biex tahli dik l-energija.” Ikkonferma li huwa kien johrog lil Omissis omm u tfal l-ohra b’mod regolari.

In kontro-ezami huwa kkonferma illi huwa kien jikkoregi lit-tfal billi jghidilhom ipoggu fuq siggu u ma jicaqilqux, jew biex ma jarawx television. Ikkonferma illi darba minnhom Omissis minurikienet kissret hgiega fil-kcina u hu kien qabad lit-tifla u sakkarha fis-salott, din it-tifla riedet tohrog u faqghat il-hgiega b’saqjaha u ghamlet ferita f’saqajha.

L-imputat jinnega b’mod vociferu li hu qatt mess lit-tifla tieghu.

L-imputat xhed illi ebda wiehed mit-tfal qatt ma dahal fuqu u Omissis omm ghallarieda waqt illi kienu f’kamrithom. L-imputat xhed illi huwa ha hsieb illi ic-*channels* tat-*television* ukoll ikunu kontrollati, u l-imputat afferma illi Omissis minuriqatt ma rat affarjiet mhux xierqa fid-dar tieghu u ta’ Omissis omm. L-anqas ma setgha jispjega kif Omissis minuriallura setghet taghmel dawn l-allegazzjonijiet u jghid biss illi is-*Social Workers* kienu qabbdu maghhom. L-imputat jinnega li Omissis minuriqatt qaltlu li kienet qedgha twegga waqt li kien qieghed jahsilha. Hu xhed illi gieli amministra suppozitorju lil din it-tifla minhabba li Omissis omm kellha dwiefer twal. L-imputat ikkonferma illi huwa id-dar dejjem ikun liebes b’mod xieraq u dan anka meta jirtira fis-sodda.

Omissis nanna , omm Omissis omm kkonfermat illi Omissis minurikienet qaltilha illli certu Rodianne Borg kienet qaltilha biex tghid affarijiet psataz fuq missierha. Dawn il-kliem qalithu waqt li tifla kienet f’hogritha l-Appogg u qaltitomlha ukoll meta hadet lit-tifla fil-kamra tal-banju.

In kontro-ezami omissis nanna xhedet illi Omissis minuriqalet dawn l-affarijiet f’April tal- 2011. omissis nannqa qallet ukoll li tifla semmiet ukoll lil Nancy. Omissis nanna xhedet illi din it-tifla bezghet titkellem il-ghaliex kienet qedgha tibza minnn xi *punishment* mis-*Social Workers*. Omissis nanna xhedet illi hija qatt ma rat ghajn

hazina mill-imputat. Mistoqsija mill-Qorti kemm il-darba fil-gimgha kienet izzur lil bintha, Omissis nanna xhedet illi ma tantx kienet tmur ta' spiss izda Omissis minurigieli giet ghandha . Omissis nanna ma setghetx tghid kemm qattat fl-Istitut din it-tifla.

Annabelle Meli, *Supervisor* tal- visiti bejn it-tifla Omissis minuriu ommha, xhedet li hija kienet tkun prezenti f'kull vizita u Omissis minuriqatt ma fethet qalbha u qaltilha xi affarijiet dwar l-abbuz.

Dr. Mariella Mangion tat rakkont tal-istorja medikali ta' din it-tifla cioe li tbati minn *hyper activity* u kien hemm tracci ta' *attention deficit.* Ikkonfermat li din it-tifla tbati mill-eczema u asthma u ikkonfermat li rat lil Omissis minurifil-11 ta' Lulju 2009 in segwitu ta' rapport ta' swat da parti tal-omm. Hija ezaminat lit-tifla u sabet biss tbengil zghir fuq saqajha. Dr. Mangion xhedet li Omissis omm kienet ikkonfermat rapport ta'abbuz sesswali da parti tal-partner taghha fuq it-tifla tagha, izda Omissis minurima qalet xejn dwar dan lil Dr. Mangion.

Dr. Mangion xhedet illi it-tifla kellha il-hymen intatta. Dr. Mangion ikkonfermat illi kienet f'minoranza zghira ta'kazijiet ta' abbuz sesswali li jirrizultaw griehi fil-parti genitali.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-oggezzjoni tad-difiza ghall istqarrija tal-imputat li ttiehdet skond il-Ligi u prassi ta' dak iz-zmien u cioe fil-mankanza ta' parir legali, u dan skond id-decizjoni taghha tal-31 ta'Mejju 2011 (vide a fol 305).

Illi din il-Qorti, in vista tal- Gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, u cioe' **il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina vs Alvin Privitera)** deciza fil-11 ta' April 2011, il-**Pulizja Suppretendent Norbert Ciappara vs Esrom Pullicino** deciza 12 ta' April 2011 u l-**Pulizja Spettur Victor Aquilina vs Mark Lombardi** deciza fit-12 ta' April 2011 tiddikjara illi l-istqarrija tal-imputat Omissis imputat ,

(li ttiehdet skond il-proceduri u prattika adoperata mill-Pulizja Ezekuttiva fi zmien tat-tehid taghha izda fl-assenza ta’ konsulent legali tieghu u minghajr ma ttiehed il-parir tal-istess) **qed tigi imwarrba addirittura** minn din il-Qorti li ser tistrieh biss fuq ix-xhieda l- ohra tal- kaz in ezami, x-xhieda tal-Pulizija **kull fejn ma ssirx referenza ghall-istess stqarrija tal-imputat**, u x-xhieda prodotta mid-difiza. Dan qieghed isir skond il-pronunzjament fis-sentenza **Cadder (Appellant) v. Her Majestry’s Advocate (Respondent) (Scotland) [2010]** ESKC 43 :

**“The court should follow any clear and constant jurispidence of the Strasbourg Court… when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, that was, in itself a formidable reason following it. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly establish in the European Court of Human Rights Case Law…”**

Dan l-insenjament gie pjenament raffermata fis-sentenza **l-Pulizija vs Mark Lombardi Op. Cit. a fol 2.**

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil-kaz in ezami ifasslu stampa imwera immens ghat-tifla ckejna Omissis minurili qatghat il-maggor parti ta’ hajjitha diehla u hierga minn Istitut ghall iehor. Jirrizulta car illi meta Omissis omm harget lil Omissis minurimill-Istitut, dan ma sarrafx f’emeljorament fil-kwalita tal-hajja ta din it-tifla zghira. Dak li jirrizulta lil din il-Qorti huwa li din it-tifla giet isoggettata ghal aggressjoni fizika ta’ entita serja u li tidher li setghet kienet aggressjoni sistematika, liema aggressjoni pero ma tiffigura f’ebda wahda mill-akkuzi li ngabu fil-konfront tal-imputat.

Illi meta in segwitu ta’ zewg rapporti ta’ abbuz fiziku fuq din it-tifla mill-imputat, saret *home visit*, Omissis omm infurmat liz-zewg *Social Workers* Borg u Sacco li bintha ilmentat maghha fuq abbuz ta’ kwalita ohra minn dak illi kienet ilmentat maghha precedentament u cioe abbuz sesswali fuq din l-istess tifla mill-imputat. Jirrizulta

ipprovat li l'hinn minn kull dubbju li Omissis omm ghandha biza' tremenda mill-imputat u dan l-istat ta' fatt gie komunikat lis-Social Workers Borg u Sacco mill-istess Omissis omm. Din il-biza' kienet cara daqs il-kristall mill-ghemil u mill-imgieba tal-kwerelanti fil-pedana tax-xhieda u fl-isforzi kwazi iddisprati taghha, sabiex ixxejjen u ggib fix-xejn ir-rapport tas-swat u abbuz sesswali illi hija kienet inizjat mas-*Social Workers* tal-Agenzija Appogg koncernanti bintha Omissis minurikontra l-imputat.

Il-Qorti taghraf illi Omissis omm hija vittma tas-swat u vjolenza domestika u il-biza taghha mill-imputat kienet wahda fondata u palpabbli. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet ta' Omissis omm, maghmula fil-mori tal-kawza, u dellijiet koroh illi xehtet fuq il-haddiema socjali Borg u Sacco ma huma xejn hlief paraventu jew smoke screen biex jidditratta l-attenzjoni ta' din il-Qorti mill-fatti koroh ta' dan il-kaz.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-kontenut tal-casette ezebit mill-kwerelanti, taghraf illi dak li ntqal fl'istess cassette ma kienx taht gurament u b'dawk il-kontrolli mahsuba mill-Ligi u ghaldaqstant ma jistax jigi konsidrat bhala prova fi process kriminali.

Dan jghodd bl-istess modd ghat-traskrizzjoni tat-telefonati tal-imputat (DOK MX kif traskrit f'DOK MMW a fol 220 et seq) waqt li kien fil-Facilita Korretiva ta'Kordin. Di piu it-traskrizzjoni tat-telefonati turi biss monologue u ghaldaqstant ftit li taghmel sens.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tezamina mill-qrib it-tifla Omissis minurita' hames snin u tqis illi xhieda taghha hija wahda veritiera u testimonjanaza illi m'hijiex minsusa minn xi tip ta' *priming* ghal kuntrarju ghal dak illi gara waqt is-*supervised acess visits*. Illi fuq il-parti l-ohra il-Qorti wara illi semghet ix-xhieda tal-imputat u l-imgieba tieghu fil-pedana tax-xhieda tqis illi it-testimonjanaza tieghu mhix affidabbli u ma tistax tinghata ebda kredibilita.

Ir-reat ta'korruzzjoni ta'minuri huwa dak mahsub fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta li jiritieni:

**(1) Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l- età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:**

**Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;**

**(*b*) ommissis**

**(*ċ*) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.**

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti b'sentenzi illi jindirizzaw dak li jista' jigi kkaratterizzat jew dak illi jikkonsisti f'*atti di bidin*i jew *lewd acts* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik ta' **Pulizija versus Wiffen**.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve*

*years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integOmissis omm' morali tal-minorenni.'*

Fil-kaz in ezami l-atti di libidini kienu jikonsistu minn mess tal-genitalia tal-minuri u inserimenti ta'sebgha tal-imputat fil-partijiet genitali tal-minuri.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri, attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati mhux biss fil-Gurisprudenza fuq citata izda wkoll fil-kawza

Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989, mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiemha tifla ta' hames snin li minkejja l-eta tenera taghha, gharrfet illi missierha kien wettaq fuqha xi haga "pastaza" u "pastaza hafna". Il-Qorti m'ghandiex quddiema xi tfajla li ga kienet inizjata f'xi avventura sesswali. F' dan il-kaz, il-atti di libidini twettqu fuq tifla ta' omissis zmien, li gharfet il-hazen li kien sar fuqha u dan l-l-oltragg zbroffa fi kliem ahrax li l-minuri lissnet fil-konfront ta' missierha kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Muscat u *Social Workers*.

Jirrizulta sodisfacentement ipprovat ukoll mic-cerifikat tat-twelid tal-minuri ezebit in atti, l-aggravju tal-eta tenera tal-minuri, ai termini tal-Artikolu 203(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Ghal rigward tal-aggravju mahsub taht l-Artikolu 203(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tgharaf illi l-imputat fit-testimonjanza tieghu ametta li kien il-missier adottiv tal-minuri. Dan il-fattur wahdu, jankra l-aggravju tal-axxendent adottiv. Fil-kaz in ezami pero, jirrizulta ipprovat li l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-abbuz sesswali prattikat mill-imputat fuq il-minuri, sehh meta ommha Omissis omm, afdat l-istess minuri fil-kura temporanja tal-imputat sakemm harget taghmel qadja.

Dan jankra ukoll it-tieni ipotezi indikat fl-istess aggravju Artikolu 203(1)(c).

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib li l-ewwel akkuza hija approvata sodisfacentement sa livell probatorju li tezigi il-Ligi kriminali, bl'aggravju tal-eta tenera u tal-genitur adottativ. Ghalhekk jiskatta awtomatikament it-tieni subinciz tal-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrendi aplikabbli, l-Artikolu 197(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u din il-Qorti tidikjara it-telf da parti ta'l-imputat tad-dritt ta' kull awtorita` u ta' kull jedd moghti lilu mill-Ligi bhala genitur fuq il-minuri.

Il-Qorti taghraf illi in vista tas-sejbien ta htija tal-ewwel akkuza ma tistax issib htija ukoll fit-tieni u tielet akkuza li huma alternattivi ghal-ewwel akkuza.

Illi ghal rigward tar-raba' akkuza mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizulta ebda agir censurabbli jew atti libidinuzi li twettqu f'post pubbliku jew post espost ghal pubbliku. Il-provi juru ghal kuntrarju li dak li gara, sehh f'kamra tal-banju f'dar residenzjali li ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax.

Illi ghal rigward tas-sitt akkuza din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat stante li l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali ma jikkontemplawx tali akkuza. Illi di piu din il-Qorti lanqas ma tista' issib htija fil-hames akkuza stante li ebda sentenza ma giet ezebita u ebda xhieda ta' identita ma giet prodotta.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib l-imputat Omissis imputat, hati tal-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni u tielet akkuza li huma alternattivi ghall-ewwel akkuza, mhux hati tar-raba, il-hames u sitt akkuza li minnhom tilliberah, u wara li rat Artikoli 203(1)(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta tikundanna lill-imputat ghal erba' snin u nofs prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta' f'arrest preventiv.

Din il-piena giet akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-gravita tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, u l-fedina penali tal-imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------